

IL-QORTI ĠENERALI

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2013 — Wolverine International vs UASI — BH Stores (cushe)

(Kawża T-642/13)

(2014/C 85/34)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

Partijiet

Rikorrenti: Wolverine International, LP (Grand Cayman, il-Ġeżejjer Kajman) (rappreżentanti: M. Plessier u R. Heine, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: BH Stores BV (Curaçao, l-Antilli tal-Pajjiżi l-Baxxi)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-30 ta' Settembru 2013, mogħtija fil-Każ R 1269/2012-4;

— tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità;

— tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "cushe" għal prodotti fil-klassi 25 — Reġistrazzjoni Internazzjonali Nru 859 087 li tindika lill-Unjoni Ewropea

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: probabbiltà ta' konfużjoni skont l-Artikolu 53(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni kkontestata annullata u reġistrazzjoni internazzjonali kkontestata li tindika lill-Unjoni Ewropea ddikjarata invalida

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2013 — AEMN vs Il-Parlament

(Kawża T-678/13)

(2014/C 85/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Alliance Européenne des Mouvements Nationaux (AEMN) (Matzenheim, Franza) (rappreżentant: J. P. Le Moigne, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet tal-partijiet

— tannulla d-Deċiżjoni Nru 110655, tal-14 ta' Ottubru 2013, li stabbiliet l-allokazzjoni definitiva, mogħtija mill-Parlament Ewropew lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għas-sena 2012, għas-somma ta' EUR 186 292,12 u konsegwentement iddeċiediet li l-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għandha tirimborsa s-somma ta' EUR 45 476,00 peress li somma ta' EUR 231 412,80 digħi ngħat lill-assoċjazzjoni rikorrenti;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew li jħallas l-ispejjeż kollha u li jħallas għal dan il-għan somma ta' EUR 20 000,000 lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-inkompetenza tal-awtur tal-att, peress li l-firmatarju tiegħu ma kelli ebda delega sabiex jiċċu, jiffirma u jinnotifika d-deċiżjoni kkontestata.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur ta' rekwiżiti proċedurali, peress li l-Parlament ma tax lir-rikorrenti l-opportunità li jikkumentaw dwar l-irregolaritajiet ikkonstatati.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-istat tad-dritt, sa fejn:

— il-kontribuzzjonijiet in natura huma metodu regolari ta' finanzjament;

— ir-rikorrenti sofra trattament diskriminatorju tal-baġit tagħha meta mqabbla mal-partiti politiċi Ewropej l-oħra;

— id-dritt għal smiġħ qabel l-adozzjoni ta' miżura individwali sfavorevoli ma ġiex irrispettaw.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, peress li l-Parlament uża restrizzjonijiet finanzjarji sabiex jillimita l-meżżi ta' azzjoni ta' partit politiku li uħud mill-membri tiegħu ma jaqblux mal-ideali tiegħu.

ta' EUR 231 412,80 digħi nħażżeż lill-assoċjazzjoni rikorrenti;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew li jħallas l-ispejjeż kollha u li jħallas għal dan il-għan somma ta' EUR 20 000,000 lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-678/13, AEMN vs Il-Parlament.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2013 — Bilbaina de Alquitrances et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-689/13)

(2014/C 85/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bilbaína de Alquitrances, SA (Luchana-Baracaldo, Vizcaya, Spanja); Deza, a.s. (Valašské Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka); Industrial Química del Nalón, SA (Oviedo, Spanja); Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka); Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit); Koppers Netherlands BV (Uithoorn, il-Pajjiżi l-Baxxi); Rütgers basic aromatics GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja); Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju); Rütgers Poland Sp. z o.o. (Kędzierzyn-Koźle, il-Polonja); Bawtry Carbon International Ltd (Doncaster, ir-Renju Unit); Grupo Ferroatlántica, SA (Madrid, Spanja); SGL Carbon GmbH (Meitingen, il-Ġermanja); SGL Carbon GmbH (Bad Goisern am Hallstättersee, 1-Austria); SGL Carbon (Passy, Franza); SGL Carbon, SA (La Coruña, Spanja); SGL Carbon Polska S.A. (Racibórz, il-Polonja); u ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2013 — AEMN vs Il-Parlament

(Kawża T-679/13)

(2014/C 85/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Alliance européenne des mouvements nationaux (AEMN) (Matzenheim, França) (rappreżentant: J. P. Le Moigne, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2013, ritraskritta parzialment bid-deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2013 u li stabbiliet l-allokazzjoni definitiva, mogħiġja mill-Parlament Ewropew lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għas-sena 2012, għas-somma ta' EUR 186 292,12 u konsegwentement iddeċiediet li l-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għandha tirimborsa s-somma ta' EUR 45 476,00 peress li somma

Talbiet

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla l-att ikkonestat sa fejn dan jikklassifika CTPHT bħala H400 u H410;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.